**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Robert Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Robert Camilleri,** iben Anthony u Francesca nee' Grech, imwieled Pieta nhar l-4 ta' Settembru, 1986 u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0397986M:

Akkużat talli nhar nhar il-21 ta' Ottubru, 2023, għal ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħodu (08:15), ġewwa n-Naxxar fil-limiti tal-Magħtab ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu, għasafar mingħajr liċenzja valida għal dak il-għan maħruġa mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur tar-regolament 12(1) u t-tielet proviso tar-regolament 27(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, u bi ksur tar-regolament 10(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

Jirriżulta li fil-21 ta' Ottubru 2023 għal ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħodu l-imputat instab f'dura flimkien ma' ċertu Anthony Borg. L-uffiċjali tal-pulizija, u ċioe PS661, PC47 u PC1447, kien irrikorew fuq il-post għaliex waqt ir-ronda tagħhom kien semgħu *bird caller* tal-għasafar tal-għana u għalhekk marru jagħmlu spezzjoni. Il-mansab in kwistjoni kien reġistrat fuq isem Anthony Borg, li kien instab fuq il-post flimkien mal-imputat.

L-imputat xehed quddiem il-Qorti u qal illi hu kien qiegħed fuq il-post biss sabiex jieħu kafe ma' Carmel Borg, li kien leħaq telaq sakemm waslu l-pulizija, u Anthony Borg. Skont l-imputat huwa ma kienx qiegħed jonsob iżda kien qiegħed biss jieħu kafe. L-imputat xehed li hu kien bilqiegħda fuq siġġu ta' lewn kannella li kien fuq in-naħa ta' wara, u meta ġie muri t-tieni ritratt minn Dok EM1 sostna li s-siġġijiet ġew imċaqalqa qabel ma ttieħed ir-ritratt għaliex is-siġġu l-kannella kien qiegħed fuq wara.

Din il-Qorti assolutament ma temminx din il-verżjoni tal-imputat li r-ritratti preżentati mill-prosekuzzjoni ma jurux kif verament kien s-siġġijiet meta l-pulizija raw lill-imputat u lil Anthony Borg. L-ewwel nett ma kien hemm l-ebda punt li l-pulizija jċaqalqu dawn is-siġġijiet, kif effettivament qed jissuġerixxi li għamlu l-imputat, għaliex il-pulizija ma setgħux ikunu jafu li l-imputat kien ser jagħżel li jixhed quddiem il-Qorti u jgħid li kien qiegħed bilqiegħda fuq is-siġġu l-kannella. Inoltre, l-Qorti tosserva li fl-affidavits tagħhom, PS661 Christian Grech, PC47 Bernard Briffa u PC1447 Mark Joseph Copperstone xehdu raw b'għajnehom li l-imputat kien bilqiegħda fuq quddiem iżda li kif ra lill-pulizija tbaxxa u Anthony Borg iċċaqlaq għal fuq quddiem, fejn kien hemm il-lasta tal-ġibda. Din ix-xhieda ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mid-difiża uma tirriżulta l-ebda raġuni valida għalfejn din il-Qorti għandha tiskartaha.

Il-Qorti tinnota inoltre li minkejja li l-imputat xehed li hu kien qiegħed biss jieħu kafe u xejn aktar, l-argument tad-difiża magħmul fit-trattazzjoni mhuwiex dan, iżda sewwasew li l-persuna liċenzjata, u ċioe Anthony Borg, seta` jkollu persuna miegħu u li skont il-liġi huwa irrelevanti min jiġbed għaliex l-imputat kellu dritt li jonsob għan-nom ta', jew jgħin, lill-persuna liċenzjata, raġel avvanzat fiż-żmien.

Dan l-argument pero m'għandux mis-sewwa. Il-liġi stess tgħid, fir-regolament numru 10(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 li "mansab reġistrat jista` jintuża minn persuna jew aktar li għandhom il-liċenza speċjali għar-riċerka waqt il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi rilevanti." Għalhekk il-liġi stess teżiġi espressament li l-mansab jista' jiġi użat biss minn persuni li jkollhom liċenzja speċjali għar-riċerka, u mhuwiex kontestat li l-imputat m'għandux tali liċenza. Filwaqt li huwa minnu li l-liġi għandha tiġi interpretata b'sens ristrett u kull dubbju raġonevoli għandu jiġu riżolt favur l-imputat, din il-Qorti ma tqisx li l-interpretazzjoni mogħtija lill-liġi mid-difiża tqajjem xi dubbju li jista' jitqies bħala raġonevoli. Il-liġi tgħid b'mod ċar li l-mansab jista' jiġi użat biss minn persuna li għandha liċenza speċjali, u l-ġbid tal-ħabel biex jinqaleb il-mansab ma jistax jitqies bħala xi ħaġa oħra ħlief użu tal-mansab.

Il-Qorti tqis inoltre li l-persuna liċenzjata m'għandha l-ebda dritt jew fakulta li tippermetti li xi ħadd ieħor juża l-mansab għan-nom tagħha, kif tikkontendi d-difiża, għaliex permess bħal dan jista' jingħata biss mill-awtorita kompetenti meta toħroġ liċenza. Filfatt il-ħruġ tal-liċenza jista' jsir biss jekk il-persuna konċernata tkun issodisfat il-kriterji kollha indikati fil-liġi. Dak li qed tissuġerixxi d-difiża mhuwa xejn ħlief stat ta' anarkija, meta l-għan espress tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 huwa "li jiġi stabbilit qafas li jippermetti, taħt kondizzjonijiet strettament sorveljati u b'mod selettiv, deroga għal riċerka fuq seba' speċi tal-għasafar tal-għana…" La l-leġislatur ried li din id-deroga issir taħt kondizzjonijiet strettament sorveljati u b'mod selettiv, żgur li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li l-persuni liċenzjati jkollhom diskrezzjoni assoluta u mingħajr limitu li jippermettu lil persuni mhux liċenzjati li jonsbu għan-nom tagħhom jew b'xi mod jagħmel użu minn dan il-mansab jew igawdu mid-deroga mogħtija lill-persuna liċenzjata.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-akkuża dedotta kontra l-imputat tinsab suffiċjentement pruvata u l-imputat għandu jinstab ħati.

Għal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti rat li skont it-tielet proviso tar-regolament 27 (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar mingħajr liċenzja valida għandha teħel il-pieni imniżżlin fis-subregolament (2)(b) u l-Qorti għandha ukoll tordna li l-persuna ħatja

għandha tkun skwalifikata milli tikseb liċenzja jew permess rilevanti taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal għomorha. Fi kliem ieħor, minkejja li l-piena indikata fis-subregolament 2(b) tar-regolament 27 tirreferi għal persuna li tkun instabet ħatja aktar minn darba, dan il-proviso joħloq eċċezzjoni fis-sens li fil-każ ta' sejbien ta' ħtija bħal dak odjern għandha tingħata l-piena kontemplata f'dan is-subregolament, inkluż l-iskwalifika permanenti anke fil-każ tal-ewwel sejbien ta' ħtija. L-użu tal-kelma "għandha", kemm għal dak li jirrigwarda l-piena u kemm għal dak li jirrigwarda l-iskwalifika permanenti, jagħmilha ċara li l-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni ħlief li timponi l-piena kontemplata fis-subregolament 2(b) u wkoll li tordna l-iskwalifika permanenti kif dedatt mill-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-regolament 10(2) u 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 u r-regolament 12(1) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 issib lill-imputat ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu, u ai termini tat-tielet proviso tar-regolament 27(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, u tiskwalifikah milli jikseb liċenzja relevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 jew it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal għomru.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur